MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 24/1973/1

**Agent Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Kurunell Edward G. Gatt bhala General Manager u in rapprezentanza tal-Malta Landing and Shipping Company Limited u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 1985 il-konvenut Kurunell Edward G. Gatt nomine gie sostitwit b'John Caruana bhala likwidatur; u b'nota pprezentata fit-3 ta' Ottubru, 1988, Mario Caruana fil-kwalità tieghu ta' likwidatur tas-socjetà Malta Landing and Shipping Company Limited assuma l-atti minflok John Caruana**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi b’kuntratt tas-16 ta’ Frar, 1966 li kopja tieghu qed tigi annessa u markata Dokument ‘A’ il-Kumpanija konvenuta kienet saret il-kuntrattur tas-Superintendent (aktar recenti Direttur) tal-Portijiet u moghtija l-inkarigu li tiehu hsieb (*shore handling*) tal-merkanzija li tidhol jew tohrog fil-Port il-Kbir ta’ Malta, bil-kundizzjoni u obbligu, fost ohrajn, li tiehu hsieb li kwalunkwe dazju dovut lill-Kontrollur tad-Dwana fuq merkanzija li tkun waslet Malta u lilha konsenjata ikun gie mhallas jew kawtelat skond il-ligi; illi l-Kumpanija konvenuta naqset minn dan l-obbligu, billi ma tatx kont sodisfacenti ghad-dazju ammontanti ghal tmienja u hamsin elf sitta u ghoxrin lira maltin u wiehed u erbghin centezmu (L58,026.41,0) dovuti fuq diversi partiti ta’ merkanzija li waslu Malta u gew sbarkati mill-vapuri li wassluhom skond kif jidher mill-annessi prospetti markati Dokument B1 sa B70 u b’hekk l-attur tilef d-dazju dovut fl-ammont komplessiv ta’ L58,026.41,0 jew ta’ kwalunkwe somma ohra verjuri; talab ghaliex, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut ma tax kont sodisfacenti ghad-dazju dovut fuq il-merkanzija li waslet skond id-dokumenti B1 sa B70, il-konvenut m’ghandux jigi kundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ tmienja u hamsin elf sitta u ghoxrin lira maltin u wiehed u erbghin centezmu (L58,026.41,0) jew kwalunkwe somma ohra verjuri li tirrizulta dovuta, b’rifuzjoni ghat-telf ta’ dazju li l-kumpanija konvenuta ikkagunat lill-attur; bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tat-2, 13, 23, 27 u 27 ta’ Novembru, 1971, 4, 14 u 18 ta’ Dicembru, 1971, 12 u 19 ta’ Jannar, 1972, 14 u 24 ta’ Novembru, 1972 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tad-19 ta’ Jannar 1973 u bl-imghax legali, kontra l-konvenut nomine li ghandu jigi mharrek ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi biha eccepixxa:
Illi, t-talba tal-attur hi infondata fil-fatt u fil-ligi peress li mhumiex veri l-allegazzjonijiet dwar obbligi u nuqqasijiet da parti tal-kumpanija konvenuta, u barra minn dan il-merkanzija li dwarha l-attur qed jitlob il-hlas tad-dazju, ma gietx konsenjata lill-konvenut nomine;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut nomine;

Rat is-sentenza ta’ l-ghoxrin (20) ta’ Ottubru, 2000 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez; u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Il-periti gudizzjarji wara li ezaminaw bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-partijiet, inkluzi d-dokumenti esibiti u n-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta, issottomettew li l-attur ma gabx provi sufficjenti biex juri li l-merkanzija li taghha kien qed jitlob id-dazju effettivament waslet Malta u giet konsenjata lis-socjetà konvenuta kif allegat fic-citazzjoni u li ghalhekk l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta fis-sens illi l-merkanzija ma gietx konsenjata lilha tigi milqugha. Konsegwentement it-talba tal-attur ghall-hlas ta’ tmienja u hamsin elf u sitta u ghoxrin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm58,926.41,0 [*recte*: Lm58,026.41,0]) kellha tigi michuda.

“Il-periti gudizzjarji rritenew li sabiex l-attur jipprova li l-merkanzija waslet Malta u giet konsenjata lis-socjetà konvenuta, l-istess attur kellu jibni sistema fejn is-socjetà konvenuta tiffirma ghall-oggetti li tircievi. Mill-provi rrizulta li l-attur kien joqghod fuq l-informazzjoni li jircievi minghand l-agent tal-vapur rigward il-merkanzija li waslet Malta u skond il-periti gudizzjarji l-attur ma jistax jippretendi li b’hekk hemm prova li l-merkanzija waslet Malta u effettivament giet konsenjata lis-socjetà konvenuta. Alfred Cachia, xhud prodott mill-attur, sostna li kien ikun hemm *tally clerk* indipendenti li kien jipproduci

*tally sheet* tal-merkanzija li kienet tinzel minn fuq il-bastiment u semmai skond il-periti gudizzjarji dawn it-*tally sheets* kellhom jigu prodotti mill-attur bhala prova tal-merkanzija li tkun waslet Malta u konsegwentement giet konsenjata lis-socjetà konvenuta.

“L-attur qed jitlob il-hlas mis-socjetà konvenuta ta’ *refunds* ta’ dazju li huwa kien hareg lill-impurtatur billi hu kien sodisfatt li certu merkanzija nizlet Malta izda ma nghatatx lill-impurtatur. Il-periti gudizzjarji isostnu li l-attur ghalhekk l-ewwel kellu jipprova li kien hemm din il-kwantità ta’ merkanzija li giet skarikata Malta u imbaghad jipprova li l-importatur ircieva inqas merkanzija minn dik li nizlet Malta minghand is-socjetà konvenuta.

“Dwar l-allegazzjoni tal-attur fis-sens illi s-socjetà konvenuta ma tatx kont soddisfacenti ghad-dazju ammontanti ghal tmienja u hamsin elf u sitta u ghoxrin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm58,026.41,0) dovuti fuq diversi partiti ta’ merkanzija li waslet Malta, il-periti gudizzjarji jghidu li fil-ftehiem li kien jirregola r-relazzjoni legali bejn il-partijiet (Dok. TTX a fol. 165 tal-process), ma kien hemm l-ebda klawzola li tirregola l-obbligu tal-konvenut nomine li jaghti ‘kont sodisfacenti ghad-dazju’. Skond l-artikolu 7 tal-imsemmi ftehim, is-socjetà konvenuta kellha tassikura li d-dazju jkun imhallas qabel ma tirrilaxxja l-merkanzija. F’dan il-kaz l-attur mhux qed jghid li s-socjetà konvenuta kienet qed tirrilaxxja l-merkanzija qabel ma jithallas id-dazju izda li l-konvenut nomine ghandu jaghtih ammont ta’ dazju li l-istess attur kellu jirrifondi lill-importatur li jkun hallas fuq ammont totali ta’ merkanzija li suppost kien hemm skond il-manifest tal-agent tal-vapur meta fil-fatt il-konvenut nomine kien ikkonsenjalu l-merkanzija b’nuqqasijiet. Il-punt krucjali tal-kaz, dejjem skond il-periti gudizzjarji, huwa l-fatt li ma kienx obbligatorju li jsir *tally* fil-mument li tkun qed tinhatt il-merkanzija u ghalhekk l-attur qatt ma kien f’pozizzjoni li jghid li s-socjetà konvenuta verament irceviet dik il-merkanzija li skond l-agent tal-vapur inhattet Malta. L-attur qed jibbaza kollox fuq l-informazzjoni li huwa jircievi mill-agent tal-vapur liema agent ghandu interess jghid li l-merkanzija nizlet kollha.

"Il-periti gudizzjarji ghamlu riferenza ghall-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Dicembru 1970 fl-ismijiet *John Caruana nomine vs Agostino Laurenti bhala Kontrollur tad-Dwana* (Citazzjoni numru 765/68) bejn l-istess partijiet tal-kawza odjerna.

"Is-socjetà konvenuta prezentat nota ta' osservazzjonijiet quddiem il-periti gudizzjarji qabel dawn tal-ahhar ippreparaw ir-rapport taghhom.

"Illi f'din in-nota is-socjetà konvenuta ssottomettiet li l-allegazzjoni tal-attur li huwa prezenta prova tal-ammont ta' merkanzija li waslet Malta u li issa huwa l-obbligu tas-socjetà konvenuta li tipprova li mhux dak l-ammont wasal Malta hija skorretta. Is-socjetà konvenuta tghid li in sostenn ta' din il-prova, kull ma ghamel l-attur kien li jistrieh fuq id-diversi manifesti tal-vapuri. Il-manifesti tal-vapuri jippruvaw biss li l-merkanzija ndikata kienet abbord il-vapur izda ma jikkostitwux prova li dik il-merkanzija giet fil-fatt skarikata Malta u mghoddija lill-konvenut nomine. F'dan ir-rigward is-socjetà konvenuta ghamlet riferenza ghal sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru 1970, *John Caruana nomine vs Agostino Laurenti bhala Kontrollur tad-Dwana*. Din il-kawza kienet bejn l-istess partijiet u f'din is-sentenza il-Qorti interpretat il-ftehim bejn il-partijiet tas-16 ta' Frar, 1966.

"**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

"Illi skond ftehim bejn il-partijiet datat 16 ta' Frar 1966 (a fol. 165 tal-process) is-socjetà konvenuta kienet il-kuntrattur tal-attur u kellha tircievi l-merkanzija li kienet tasal Malta, ad eccezzjoni tal-merkanzija li tkun *Free In and Out*, u malli l-merkanzija kienet tinzel fuq il-moll u tinqala' mill-parank kienet issir responsabilità tas-socjetà konvenuta li kellha l-obbligu li tikkonsenja l-merkanzija lill-importatur. L-agent tal-vapur kien obbligat jaghmel manifest tal-merkanzija li tkun waslet Malta u l-agent tal-vapur kien ukoll obbligat li jirrapporta lid-Dwana xi diskrepanza bejn il-merkanzija li kienet tidher fuq il-

manifest u dik li attwalment kienet tinzel minn abbord u dan sabiex issir emenda fil-manifest. L-importatur kien ihallas id-dazju ghall-merkanzija ndikata fil-manifest u sussegwentement kien juri d-dokumenti li jindikaw li sar il-hlas lis-socjetà konvenuta li imbaghad kienet tikkonsenjalu l-merkanzija.

"L-attur xehed illi meta l-agent kien jikkonfermalu li l-merkanzija kienet nizlet Malta izda ma kienitx giet konsenjata kollha lill-importatur, huwa kien jirrifondi lill-importatur id-dazju mhallas fuq merkanzija mhux konsenjata u sussegwentement jitlob il-hlas minghand is-socjetà konvenuta. L-attur jghid li kien jaghmel dan *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-*Customs Ordinance* kif ukoll skond il-klawsola 7 tas-*Second Schedule* tal-ftehim bejn il-partijiet. L-ammont mitlub mill-attur jirrigwarda proprju ammonti li l-attur irrifonda lill-importaturi b'dan il-mod u li issa qed jitlob minghand is-socjetà konvenuta.

"Is-socjetà konvenuta qed issostni li ma kien hemm ebda nuqqas da parti taghha u li d-dazju fuq merkanzija li dwarha l-attur qed jitlob il-hlas effettivament ma gietx konsenjata lilha. Is-socjetà konvenuta issottomettiet li huwa l-obbligu tal-attur li jipprova li l-merkanzija nizlet u giet ikkonsenjata lilha u li m'huwiex sufficjenti ghall-fini tad-dazju li l-merkanzija tkun imnizzla fil-manifest tal-bastiment, ghaliex ir-responsabilità tal-konvenut nomine tirrigwarda biss dik il-merkanzija li tkun giet sbarkata. L-attur minn naha l-ohra ssottometta li *una volta* li huwa prezenta prova tal-ammont ta' merkanzija li waslet Malta u dan a bazi tal-manifest tal-agent tal-vapur, l-oneru tal-prova li mhux dak l-ammont ta' merkanzija kien wasal Malta, kien jispetta lis-socjetà konvenuta. L-attur sostna inoltre li s-socjetà konvenuta ma tatx kont soddisfacenti ghad-dazju ammontanti ghal tmienja u hamsin elf u sitta u ghoxrin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm58,026.41.0) dovuti fuq diversi partiti ta' merkanzija li waslu Malta u gew sbarkati u b'hekk l-attur tilef dan l-ammont.

"Illi l-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tal-ftehim bejn il-partijiet moghtija mill-periti gudizzjarji fis-

sens illi l-uniku obbligu tas-socjetà konvenuta in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' dazju huwa li tassikura li l-importatur ikun hallas id-dazju qabel ma tirrilaxxja l-merkanzija u mhux li taghti kont soddisfacenti ghad-dazju. Il-Qorti tirritjeni li s-socjetà konvenuta kienet tkun qed tonqos mill-obbligu taghha skond l-Artikolu 7 succitat li kieku hija rrilaxjat merkanzija lill-importatur minghajr ma accertat li kien sar il-hlas tad-dazju, liema dazju kien jithallas qabel ma tigi rilaxxjata l-merkanzija. L-attur izda m'huwiex qed isostni dan. L-attur qed jitlob minghand is-socjetà konvenuta hlas ta' dazju li huwa kellu jirrifondi lill-importatur li kien hallas dazju fuq ammont totali li suppost wasal Malta skond informazzjoni mghoddija lill-attur mill-agent tal-vapur, meta fil-fatt is-socjetà konvenuta tkun ikkonsenjat lill-importatur merkanzija b'nuqqasijiet.

"Illi fil-fehma tal-Qorti *una volta* li l-importatur ghazel li jibbaza [ruhu] fuq informazzjoni moghtija lilu mill-agent tal-vapur dwar merkanzija li tkun waslet Malta u dan minghajr ma jaghmel il-verifiki tieghu qabel ma jirrifondi d-dazju lill-importatur, kien jispetta lill-istess attur li jipprova li l-merkanzija in kwistjoni giet effettivament konsenjata lis-socjetà konvenuta. L-attur naqas milli jaghmel din il-prova.

"Illi jirrizulta b'mod inekwivoku li s-sistema adottata mill-attur fiz-zmien in kwistjoni sabiex jikkompila informazzjoni dwar merkanzija li tkun waslet Malta hija ghal kollox zbaljata. L-attur kien jistrieh kompletament fuq il-manifest rilaxxjat mill-agent tal-vapur liema agent tal-vapur ovvjament kellu kull interess isostni li l-merkanzija tkun waslet Malta. L-attur xehed li kien l-obbligu tal-agent tal-vapur jirraporta lill-attur xi eventwali diskrepanza bejn dak indikat fil-manifest u l-merkanzija li effettivament tkun waslet Malta. Huwa ovvju li l-agent tal-vapur ma kellu l-ebda interess jirraporta tali diskrepanza.

"Illi fattur rilevanti hafna fil-kwistjoni huwa l-fatt li dak iz-zmien ma kienx isir *compulsory tallying* la meta l-merkanzija tinzel minn fuq il-bastiment u l-anqas meta tidhol fit-tined gestiti mis-socjetà konvenuta.

“Illi l-Qorti tirritjeni li ammont jew il-lista ta’ merkanzija ndikata fil-manifest rilaxxjat mill-agent tal-vapur li fuqha qed jibbaza ruhu l-attur m’hijiex necessarjament l-istess kwantità ta’ merkanzija konsenjata lis-socjetà konvenuta u *una volta* li l-attur qed isostni li hija l-istess ghaliex qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-lista tal-merkanzija ndikata fil-manifest, huwa proprju l-attur li jrid jipprova dan.  Haga li kif intqal aktar il-fuq huwa naqas li jaghmel.

“Il-Qorti ghalhekk tirritjeni li l-attur ma ressaqx provi sufficjenti biex juri li l-merkanzija waslet Malta u giet konsenjata lis-socjetà konvenuta u li allura kienet tkun tenuta bl-obbligi minnha assunti fil-ftehim fuq riferit. Jibqa’ ghalhekk il-fatt li l-attur ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat u, f’dawn ic-cirkostanzi, is-socjetà konvenuta ma tistax tkun ikkundannata ghall-hlas tal-ammont mitlub.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi mhassra u annullata s-sentenza appellata tal-20 ta’ Ottubru, 2000 stante li dik is-sentenza inghatat meta l-process ma kienx jinkludi parti sostanzjali mill-provi mressqa mill-appellant jew fil-kaz illi dina l-Qorti jidrilha li m’ghandhiex tannulla s-sentenza appellata tigi mhassra u revokata l-istess sentenza u waqt li jintlaqghu t-talbiet attrici, jigu michuda l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u s-socjetà konvenuta tigi kundannata thallas s-somma mitluba fic-citazzjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi;

Rat ir-risposta tas-socjetà konvenuta illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi l-appell interpost ghandu jigi michud u illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta’ l-attur kontra s-sentenza appellata huma:

(1) Illi “… s-sentenza inghatat meta l-process ma kienx jinkludi parti sostanzjali mill-provi mressqa” mill-attur u, ghalhekk ghandha tithassar;

(2) Illi l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti “… illi l-manifest tal-vapur (kompilat abbazi tal-poloz ta’ kariku) ma jikkostitwix prova sufficjenti illi l-oggetti inkluzi fih fil-fatt gew skarikati Malta” hija “… zbaljata peress illi ghad illi huwa minnu illi l-polza ta’ kariku u l-manifest tal-vapur m’humiex prova konkluziva li l-merkanzija in kwistjoni tkun tghabbiet jew inhattet kollha mill-vapur, dawn id-dokumenti jikkostitwixxu ‘*strong prima facie evidence of that amount unless the contrary is provided*’;

(3) Illi “… huwa ressaq dik il-prova sodisfacenti li titlob il-ligi biex … jipprova l-kaz tieghu”;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-ewwel (1) aggravju, ghalkemm huwa veru illi d-dokumenti markati minn B1 sa B70 illi gew esibiti ma’ l-att ta’ citazzjoni gew smarriti fil-pendenza tat-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti u illi uhud minnhom biss - dawk a fol. 108 sa 148 tal-process - gew esibiti mill-gdid, mhux il-kaz illi jintlaqa’dan l-aggravju ta’ l-attur u dana, apparti konsiderazzjonijiet ohra, ghar-ragunijiet segwenti:

(i) l-attur kellu - u inghata - opportunità aktar milli ampja sabiex jissostitwixxi d-dokumenti smarriti minn meta, waqt l-udjenza tas-sebgha (7) ta’ Mejju, 1992 (verbal a fol.100), gie konstatat l-ewwel darba illi dawn id-dokumenti ma kienux fil-process sa meta giet pronunzjata s-sentenza appellata aktar minn tmien (8) snin wara, precizament fl-20 ta’ Ottubru, 2000. L-attur ma jistax jippretendi illi l-ewwel Qorti kellha tibqa’ tistenna *ad infinitum* illi dawn id-dokumenti kollha jigi jew rintraccjati jew esibiti mill-gdid;

(ii) ghalkemm, wara illi fl-udjenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Novembru, 1997 (verbal a fol. 315) l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza, l-attur ipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu, 2000 (fol. 328 sa 330), u ma jirrizultax illi huwa talab illi s-sentenza ma tigix pronunzjata. F’din in-nota, kwantu ghad-dokumenti in kwistjoni, l-attur issottometta biss:
“Illi tkun ingusta kieku l-kawza kellha tkun deciza favur il-konvenut u dan proprju minhabba l-allegata nuqqas ta’ prova tal-attur, stante li huwa kien ipprezenta l-prova tieghu u kien minhabba cirkustanza li hu ma kellux kontroll fuqha li d-dokumenti intilfu mill-process.”

(iii) fit-tielet (3) pagina tar-rikors ta’ appell l-attur jghid hekk:

“Dawn id-dokumenti [dawk illi gew esibiti mill-gdid a fol. 108 sa 148] huma parti minn dawk id-dokumenti li kienu originarjament prezentati bhala Dok B1 sa B70 u wiehed jista’ jara kif kienu d-dokumenti originali”;

Dina l-Qorti, ghalhekk, tifhem illi dawk mid-dokumenti minn B1 sa B70 illi ma gewx esibiti mill-gdid kellhom kontenut simili ghal dak tad-dokumenti a fol. 108 sa 148. Dan premess, dina l-Qorti, wara illi ezaminat dawn l-ahhar imsemmija dokumenti, hija tal-fehma illi li kieku l-ewwel Qorti, meta giet sabiex tippronunzja s-sentenza appellata, kellha quddiemha d-dokumenti kollha esibiti u markati minn B1 sa B70, ma kienitx tasal ghal konkluzjoni differenti jew favorevoli ghall-attur;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju, dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta’ l-attur illi, la darba huwa pprova illi l-merkanzija in kwistjoni kienet inkluza fil-manifesti relativi, kien jispetta lis-socjetà konvenuta illi tipprova illi l-istess merkanzija ma gietx sbarkata u konsenjata lilha. Invece, taqbel ma’ dak illi ssottomettiet is-socjetà konvenuta kemm quddiem l-ewwel Qorti u kemm fir-risposta ta’ appell (pagina 3), illi:

"… ghalkemm ir-regola hija fis-sens illi polza ta' kariku ossia *bill of lading* tikkostitwixxi prova *prima facie* in sostenn tal-asserzjoni illi l-kwantità ta' merkanzija hemm indikata fil-fatt tghabbiet abbord il-bastiment koncernat, l-argument però f'dan il-kaz huwa divers billi b'daqshekk l-appellant ma jkun ghamel l-ebda prova illi fil-fatt dik il-merkanzija giet tassew skarikata hawn Malta u mghoddija f'idejn l-esponent nomine."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien jispetta lill-attur illi jipprova illi l-merkanzija in kwistjoni giet skarikata f'Malta u konsenjata lis-socjetà konvenuta u, ghalhekk, ma jistax jinghad illi fil-kaz in ezami l-oneru tal-prova gie spustat fuq is-socjetà konvenuta;

Inoltre, dina l-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi dawn il-manisfesti jew poloz ta' kariku illi jsemmi l-attur ma gewx esibiti u, f'dan ir-rigward, u a skans ta' ekwivoci, tajjeb illi jinghad illi ma hemmx dubju illi dawk fost id-dokumenti minn B1 sa B70 illi gew smarriti u ma gewx esibiti mill-gdid la kienu manifesti u anqas poloz ta' kariku;

Illi, ghalhekk, anqas it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Dan l-aggravju ma ghandu assolutament ebda bazi ghaliex fil-fehma ta' dina l-Qorti, minn ezami ta' l-atti kollha processwali jirrizulta illi l-ewwel Qorti ma setatx tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik illi effettivament waslet ghaliha, jigifieri, fi kliem is-sentenza appellata:
"… l-attur ma ressaqx provi sufficjenti biex juri li l-merkanzija waslet Malta u giet konsenjata lis-socjetà konvenuta … Jibqa' ghalhekk il-fatt li l-attur ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat u, f'dawn ic-cirkostanzi, is-socjetà konvenuta ma tistax tkun ikkundannata ghall-hlas ta' l-ammont mitlub."

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------